

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji](#) > [In-NĠE Fil-kwistjonijiet Ċivili U Kummerċjali](#) [Dwar In-Networks](#) > Northern Ireland

Dwar in-Networks

L-Irlanda ta' fuq

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

Punti ta' Kuntatt

Hemm punt ta' kuntatt wieħed għal kull waħda mill-erba' ġurisdizzjonijiet legali tar-Renju Unit. Billi kull ġurisdizzjoni hija separata, ma hemm l-ebda trikkib fix-xogħol ta' dawn il-punti ta' kuntatt, li kull wieħed minnhom għandu responsabbiltà unika għan-Netwerk fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Il-mistoqsijiet li jsiru permezz tan-NĠE għandhom jintbagħtu lill-punt ta' kuntatt rilevanti għall-ġurisdizzjoni kkonċernata.

Il-punt ta' kuntatt jaħdem fi ħdan id-Dipartiment tal-Ġustizzja (Department for Justice) tal-Irlanda ta' Fuq. Il-punt ta' kuntatt ma jaħdimx full-time fuq kwistjonijiet tan-Netwerk, iżda jista' jitlob l-għajnuna ta' għadd ta' kollegi operattivi u ta' politika meta jittratta x-xogħol tan-Netwerk. Ix-xogħol tan-netwerk huwa kkombinat ma' għadd ta' kompiti oħra.

Il-funzjonament tan-NĠE fl-Irlanda ta' Fuq

Ma jeżisti ebda netwerk nazzjonali formali fl-Irlanda ta' Fuq. Madankollu, fi ħdan id-Dipartiment tal-Ġustizzja (Department for Justice), ġie żviluppat netwerk ta' persuni li huma esperti f'oqsma ta' politika partikolari. Il-punt ta' kuntatt għandu wkoll għadd ta' kuntatti stabbiliti f'Dipartimenti rilevanti oħra li lilhom jistgħu jiġu indirizzati mistoqsijiet li jaqgħu barra mill-mandat tad-Dipartiment tal-punt ta' kuntatt. Billi l-Irlanda ta' Fuq hija ġurisdizzjoni żgħira, il-punt ta' kuntatt għandu netwerk stabbilit sewwa ta' kuntatti interni li jistgħu jassistu fil-biċċa l-kbira tal-mistoqsijiet u t-talbiet għall-informazzjoni li jirċievi.

L-aktar mezz effettiv biex jitwasslu t-talbiet u l-informazzjoni huwa permezz tal-posta elettronika. Dan jippermetti li jintbagħtu messaġġi, b'mod partikolari lil kuntatti esterni, malajr u b'mod sħiħ, u b'hekk jiġi żgurat li l-persunal rilevanti jkollu l-informazzjoni neċessarja biex tgħinu jwieġeb il-mistoqsijiet.

Il-punt ta' kuntatt jiżgura li jiġu kkonsultati l-esperti politiċi, amministrattivi jew ġudizzjarji rilevanti meta jaslu l-mistoqsijiet u qabel il-laqqgħat rilevanti tan-Netwerk. In-noti tal-laqqgħat u l-punti ta' azzjoni rilevanti jiġu disseminati kif xieraq.

L-għoti ta' informazzjoni

Ma jeżistix sit web nazzjonali għan-NĠE fl-Irlanda ta' Fuq. L-informazzjoni tingħata permezz ta' siti eżistenti oħra. Qed issir dejjem aktar referenza għall-portal tal-e-Ġustizzja. Il-punt ta' kuntatt ħadem ma' oħrajn, li jipprovdut sorsi ta' informazzjoni, inkluż is-[Servizz tal-Qrati u t-Tribunali tal-Irlanda ta' Fuq](#) (Northern Ireland Courts and Tribunals Service), billi s-sit web pubbliku tiegħu jinkludi informazzjoni relatata mal-ħidma tan-Netwerk, pereżempju, informazzjoni dwar l-eżekuzzjoni ta' sentenzi barranin, il-proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar u l-proċedura tal-Ordni ta' Ħlas Ewropea, eċċ. Is-sit web tal-[Gvern tal-Irlanda ta' Fuq](#) jinkludi wkoll informazzjoni dwar il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar.

Jittieħdu opportunitajiet biex titqajjem kuxjenza dwar in-NĠE u l-paġni tal-portal tal-e-Ġustizzja f'laqqgħat u konferenzi xierqa u f'pubblikazzjonijiet rilevanti.

L-aħħar aġġornament: 24/03/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.